Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Laboratorios Byly, SA
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade marks Komunitarji verbali BYLY (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 156216) għal prodotti fil-klassi 3 u byly (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 2604015) għal prodotti fil-klassijiet 3 u 5 u għal servizzi fil-klassi 35
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-15 ta' Settembru 2008 (Każ R 469/2008-2) hija annullata.

2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' April 2010 — Cabel Hall Citrus vs UASI — Casur (EGLÉFRUIT)

(Kawża T-488/07)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali EGLÉFRUIT — Trade mark Kommunitarja verbali preċedenti UGLI u trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti UGLI Fruit — but the affliction is only skin deep — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet relattivi ta' invalidità — Reġistrazzjoni li tmur kontra l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 52(1)(a)) (ara l-punti 30, 47, 48, 50, 51)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-19 ta' Settembru 2007 (Każ R 293/2007-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Cabel Hall Citrus Ltd u Casur S. Coop. Andaluza.

Informazzjoni dwar il-kawża

Trade mark Komunitarja rregistrata li hija s-suġġett ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:	Trade mark verbali EGLÉFRUIT, għall-prodotti u servizzi fil-klassijiet 29, 30 u 31 — Trade mark Komunitarja Nru 3517431
Prorprjetarju tat-trade mark Komunitarja:	Casur S. Coop. Andaluza
Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:	Cabel Hall Citrus Ltd
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tad-dikjarazzjoni ta' invalidità:	Trade mark Komunitarja verbali UGLI għall-prodotti fil-klassijiet 29, 31 u 32 u trade mark nazzjonali figurattiva UGLI Fruit — but the affliction is only skin deep għall-prodotti fil-klassi 31
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni	Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Cabel Hall Citrus Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tal-20 ta' April 2010 — Rodd & Gunn Australia vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' kelb)

(Kawża T-187/08)

"Trade mark Komunitarja — Trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta kelb — Tħassir tat-trade mark meta r-reġistrazzjoni tiskadi — Applikazzjoni għat-tiġdid tat-trade mark — Talba għal restitutio in integrum — Artikolu 78 tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 81 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Dispożizzjonijiet proċedurali — Restitutio in integrum (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 78(1)) (ara l-punt 29)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Marzu 2008 (Każ R 1245/2007-4), dwar talba għal *restitutio in integrum*.

Informazzjoni dwar il-kawża

Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva li tirrappreżenta kelb għal prodotti fil-klassijiet 16, 18 u 25 — Trade mark Komunitarja Nru 339218
Deċiżjoni tad-Diviżjoni "Trade Marks u Reġistru":	Applikazzjoni għal restitutio in integrum miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud